**27 ta' Ottubru 1967.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S., Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Maġġur Charles Vella

*versus*

Henry Brincat

**Bord tal-Kera — Kontumaċja — Rikorrent, tar- — Smiegħ mill-ġdid — Sentenza ta' — Appell — Nullita ta'.**

*Meta r-rikorrent jonqos li jidher għas-smiegħ ta' kawża quddiem il-Bord tal-Kera u dina tiġi deċiża kontra tiegħu, hija raġuni suffiċjenti biex huwa jitlob is-smiegħ tagħha mill-ġdid meta jkun naqas li jidher billi ġie infurmat ħażin bid-data tal-appuntament mid-difensur legali tiegħu.*

*Deċiżjoni fuq dan il-meritu hija appellabili, anki jekk ma tinvolvix punt ta' dritt, meta l-meritu deċiż mis-sentenza attakkata jkun talba taħt l-artikolu 9 tal-Liġi speċjali tal-Kera.*

Il-Qorti, rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li biha, wara li ppremetta illi fuq talba biex jirriprendi pussess tal-fond 84 Saint Christopher Street, Valletta, mikri lill-intimat, il-Bord b'sentenza tat-13 ta' April, 1967, irrespinġa t-talba, peress illi r-rikorrent ma deherx meta ssejjħet il-kawża, u li r-raġuni li għaliha l-esponenti ma kienx deher kienet illi kien avżat b'data ħażina tal-appuntament tal-kawża, talab li l-imsemmija kawża tiġi riappuntata u deċiża mill-ġdid a termini tal-Art. 34 tal-Kapitolu 109;

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tas-6 ta' Ġunju, 1967 li biha ċaħad it-talba bl-ispejjes, wara li kkunsidra —

Illi l-artikolu 34 tal-Kap. 109 jiddisponi illi: —

"Jekk ir-rikorrent ma jidhirx għas-smigħ tar-rikors, il-Bord jiriġetta t-talba u jordna li l-ispejjes jitħallsu mir rikorent; iżda r-rikorrent jista, fi żmien sitt ijiem minn dik id-deċiżjoni, jagħmel rikors lill-Bord biex it-talba tiegħu tiġi mismugħa mill-ġdid, kemm il-darba hu jissodisfa lil Bord bir-raġuni li jagħti talli jkun naqas li jidher."

Illi mill-provi mismugħa jirriżulta illi dak li fil-fatt ġara kien illi l-P.L. Charles Vassallo, li ppreżenta r-rikors f'dik il-kawża kien avżat li l-kawża kienet ġiet appuntata għat-13 ta' April, u niżżel dan l-appuntament fid-diary tiegħu. Huwa, a sua volta, avża lil Avukat Dottor Montanaro Gauci, inneputi tar-rikorrent, li l-kawża kienet ġiet appuntata għat-"thirteenth", u dan evidentement fehem illi l-P.L. Vassallo kien qallu "it-thirtieth", u informa lir-rikorrent li l-kawża kienet għat-30 ta' April. Meta ssejjħet il-kawża fit-13 ta' April, ir-rikorrent ma deherx, u dan il-Bord, a termini tal-art. 34 fuq ċitat, irrespinġa t-talba;

Illi hija ġurisprudenza kontanti u inveterata illi r-raġuni li tista tiġġustifika l-non komparizzjoni tal-parti f'każi simili, trid tkun raġuni ta' neċessità impellenti jew impossibilita fisika, jew diffikoltà gravi fiżika, jew eċċezzjonalment morali, u li ma hix ġustifikazzjoni in-negliġenza jew żball vinċibbli, sija da parti tal-kontendenti, sija tad-difensur, li hu l-mandatarju tal-parti, jew saħansitra tal-iskrivan tad-difensur (ċfr. sentenzi tal-Qorti tal-Appell: Farrugia v. Grech, 23/1/26; Mercieca v. Mifsud, 3/5/43; Preca v. White, 4/12/31; Zammit v. Saliba, 22/1/45; Vella v. Gatt, 11/12/47; Vassallo v. Zerafa, 7/11/51; Camilleri v. Stellini, 6/2/54; Borg v. Riolo, 29/7/57);

Illi huwa veru li fil-kawża "Demajo v. Farrugia" (11/6/55) dik il-Qorti kienet osservat illi l-fatt li d-difensur kien ta ad intendere li jibgħat javża lil klient meta għandu jidher, hija kawża ġusta għall-purgazzjoni tal-kontumaċja, però l-ġurisprudenza tant anterjuri kemm posterjuri hija fis-sens kuntrarju;

Illi fil-każ in eżami, li żball inkors tant minn Dottor Montanaro Gauci, kemm mir-rikorrent, mhux biss ma kienx invinċibbli, imma kien rilevabbli bl-aktar faċilità kieku tant l-Avukat Montanaro Gauci, kemm l-Avukat Camilleri, li kellu jidher fil-kawża ħa l-prekawżjoni elementari li jniżżel fid-diary l-appuntament tal-kawża, għaliex mill-ewwel kienu jindunaw illi t-30 ta' April, kienet ġurnata tal-Ħadd, u ma setax ikun li kellha tiġi trattata l-kawża f'dik il-ġurnata. L-istess konsiderazzjoni tapplika għar-rikorrent illi li kieku ħa l-briġa li jagħmel attenzjoni għal meta għandu jidher skond kif ġie informat, kien jinduna li t-30 ta' April, kien il-Ħadd, u li ma setax ikun li dik kienet il-ġurnata tal-appuntament. Dan id-disinteress sija da parti tar-rikorrent, kemm tad-difensuri tiegħu, jammonta għall-negliġenza, li ma tistax tammonta għal raġuni tajba li tissodisfa l-Bord biex jor-

dna r-ritrattazzjoni tal-kawża.

Rat ir-rikors tal-Maġġur Charles Vella li bih appella minn dik id-deċiżjoni u talab li tiġi revokata u li jiġi ordnat li t-talba tiegħu tiġi mismugħa mill-ġdid.

Rat ir-risposta ta' Henry Brincat li, preliminarjament eċċepixxa l-inappellabilità tad-deċiżjoni tal-Bord u fil-meritu eċċepixxa illi dik id-deċiżjoni hi ġusta u tistħoqq konferma.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

**Dwar l-eċċezzjoni preliminari:**

L-appellat issottometta illi d-deċiżjoni li minnha sar l-appell ġiet mogħtija taħt l-artikolu 34 ta' l-Kapitolu 109 u għalhekk biex jista jkun hemm appell minnha jinħtieġ illi jkun ġie deċiż biha punt ta' liġi, mentri dan mhux il-każ għaliex kull ma għamel il-Bord kien apprezzament tal-fatti biex jara jekk ir-raġuni mogħtija mill-appellant għan-nuqqas ta' dehra tiegħu għas-smigħ tar-rikors għar-ripresa ta' pussess kienitx raġuni tajba jew le.

Fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa. Għad illi hu veru illi d-deċiżjoni issa appellata ingħatat taħt l-artikolu 34 tal-Kapitolu 109 b'dana kollu t-talba deċiża biha ma kienitx talba indipendenti u "a se stante" iżda kienet sempliċement talba magħmula taħt dak l-artikolu biex jiġi riappuntat u mismugħ mill-ġdid ir-rikors li l-appellant kien qabel għamel quddiem l-istess Bord biex jieħu pussess lura tal-fond in kwistjoni — talba magħmula taħt l-artikolu 9 ta' dik il-liġi. Din ta' l-aħħar tifforma l-oġġett sostanzjali tal-proċeduri quddiem il-Bord fil-każ preżenti. L-artikolu 34 jipprovdi, biex ngħidu hekk, makkinarju proċe-

durali biex it-talba sostanzjali targa tigi trattata u deciza fil-meritu. Meta l-Bord jichad din it-talba ma jkunx, fil-verità qed jaghmel hag'ohra hlief jirrendi finali d-decizjoni precedenti tieghu fuq it-talba sostanzjali.

Issa l-artikolu 25 (1) kif emendat bl-Att Nru. XI ta' l-1962 jaghti dritt ta' appell lil din il-Qorti "in the case of applications under the provisions of section 9." Dan hu kliem ampju bizzejjed biex jista jinkludi il-kaz preezenti. Difatti dan hu kaz ta' rikors taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9 kif fuq intqal: id-decizjoni appellata hi decizjoni tal-Bord moghtija f'kaz ta' rikors taht l-imsemmi artikolu 9. Id-decizjoni issa appellata u l-procedura li inghatat fiha huma haga wahda mal-proceduri tar-rikors principali u tad-decizjoni moghtija fuqu. "Il-kaz" kollu rigwardat b'dan il-mod, hu kaz ta' decizjoni tal-Bord li tolqot direttament rikors ta' zgumbrament u la darba l-appell minn din ix-xorta ta' decizjoni tal-Bord hu issa generali, mhux il-kaz li jigi investigat jekk bid-decizjoni issa appellata jew bid-decizjoni precedenti li ghaliha tirriferixxi giex jew ma giex deciz xi punt ta' ligi.

Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari ta' inappellabilità ma tistax tigi milqugha.

**Ikkunsidrat dwar il-meritu:**

Skond l-imsemmi artikolu 34 biex rikors quddiem il-Bord li jkun gie michud minhabba nuqqas ta' dehra tar-rikorrent jarga jinstama, hu mehtieg illi r-rikorrent jispjega n-nuqqas tieghu ghas-sodisfazzjoni tal-Bord. Kif gie rilevat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar, 1962 "dan hu kliem li juri illi l-ligi qieghda taghti diskrezzjoni lil Bord li japprezza r-ragunijiet li jingiebu biex jiggustifikaw l-assenza u li jilqa' jew ma jilqax it-talba ghas-smigh mill-gdid

skond jekk dawk ir-raġunijiet ikunux, fil-fehma tiegħu, ġustifikazzjoni jew le ta' dik l-assenza."

Żdied jingħad f'dik is-sentenza illi normalment l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni simili f'sens jew ieħor jiddependi evidentement minn valutazzjoni taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ individwali u li din il-Qorti anke meta d-deċiżjoni hi appellabbli lilha b'mod ġenerali, użwalment ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni magħmul minn Qorti jew Tribunal ta' prim'istanza ħlief f'każijiet eċċezzjonali meta dak l-eżerċizzju jidher inġust jew illegali.

Il-prinċipju li ġie stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hu, in ġenerali illi l-kontumaċja ma tiġix skużata meta tkun kolpuża u illi l-kolpa ta' d-difenur tiġi imputata lill-istess parti. Dan il-prinċipju ġie stabbilit in relazzjoni mal-kontumaċja tal-konvenut: iżda l-Qorti ma tarax għaliex l-istess prinċipju m'għandux jiġi wkoll applikat għall-kontumaċja ta' l-attur meta din hi, f'xi każijiet, kontemplata mill-liġi.

Issa għalkemm il-prinċipju fih innifsu hu raġonevolment ċar b'dana kollu ma jistax jingħad illi l-applikazzjoni tiegħu għal każijiet partikolari ma toffrix diffikolta. Jista anzi jingħad illi f'diversi każijiet s-soluzzjoni adoperata bilkemm tista tingħad li hi verament konsistenti miegħu: u dan hu forsi inevitabbli ġaladarba kollox, f'kull każ, jiddependi mill-fattispecie partikolari tiegħu, u bosta drabi il-kwistjoni hi aktarx waħda sempliċement ta' grad.

L-appellant issottometta illi rigward il-kontumaċja kontemplata fl-imsemmi artikolu 34 tal-Kap. 109 hemm raġuni speċjali għaliex il-prinċipju fuq imsemmi għandu jiġi temperat jew applikat b'mod anqas eżiġenti. Fil-kawżi quddiem il-Qrati ordinarji il-konvenut jiġi dejjem debitament

notifikat hu nnifsu b'att formali bid-data ta' l-appuntament ta' kawża, mentri fil-kawżi quddiem il-Bord id-data ta' l-appuntament tingħata verbalment lil min jippreżenta r-rikors (aktarx il-konsulent legali tal-parti) u mas-sirx notifika tal-mozzjoni ta' l-appuntament: għalhekk, qal l-appellant, fil-waqt illi quddiem il-Qrati ordinarji jekk il-konvenut jagħmel żball dwar l-appuntament huwa diffiċili li dan ikun skużabbli, fil-każ tal-Bord hu aktar faċli li jittieħdu żbalji u jinħoloq nuqqas ta' ftehim.

Il-Qorti taħseb illi dan ir-riliev hu validu. Veru, kif opponа l-appellat, illi jekk ir-rikorrent irid ikun personalment ċert dwar id-data ta' l-appuntament u jevita l-possibilita ta' xi malintiż jew informazzjoni skorretta da parti ta' l-konsulent legali, jista jippreżenta r-rikors hu stess: iżda din tkun pretensjoni li wieħed ma jistax raġonevolment jistenna mid-diliġenza ordinarja li n-nuqqas tagħha biss, in ġenerali, jikkostitwixxi l-kolpa.

Inoltre l-appellant irrileva illi, fl-applikazzjoni ta' l-prinċipju fuq imsemmi meta li żball oriġina mid-difensur, il-Qorti aktarx akkordaw il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja fil-każijiet meta d-difensur pożitivament induċa lill-parti fl-iżball billi infurmaha ħażin. Anki din ir-riliev jidher fondat. Fil-waqt illi hu għal kollox ġust u raġonevoli illi n-negliġenza vera tal-parti jew attribwita lilha tiġi skorraġġita bis-sanzjonijiet stabbiliti mil-liġi, l-iżball ġenwin bla ebda ħtija tal-parti ma jidhirx li għandu jiġi punit.

Fil-każ preżenti il-Qorti hi ta' fehma li si tratta ta' żball ta' din ix-xorta. Dak li ġara hu sempliċement illi d-data ta' l-appuntament komunikata mill-Prokuratur Legali Charles Vassallo lil Dottor Gerald Montanaro Gauci ġiet mifhuma ħażin: u hekk ġiet komunikata lill-appellant. Il-Qorti f'dan ma tarax xi negliġenza gravi jew ta' xort'oħra: imma mera-

ment żball sfortunat. Hu veru illi, kieku Dr. Montanaro Gauci jew l-appellant dak il-ħin innotaw id-data f'xi diary kienu jindunaw bl-iżball għax it-30 tax-xahar kien il-Ħadd: iżda dan jidher pjuttost "senno del poi" aktarx milli nuqqas ta' obbligu ta' deliġenza. S'intendi fil-waqt illi l-liġi għandha tiġi osservata l-amministrazzjoni tal-ġustizzja skond il-liġi m'għandhiex tiġi mfixkla bit-traskuraġni jew l-indifferenza, min naħa l-oħra għandu jiġi evitat, kemm jista jkun konsistement mal-liġi illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tiġi ridotta għal logħba taċ-"chance".

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa l-appell tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tilqa t-talba ta' l-appellant u tirrimetti l-atti lill-Bord li Jirregola l-Kera għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fid-data u l-ħin illi l-Bord jgħoġbu jiffissa.

Minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjes ta' dan l-inċident quddiem il-Bord u fl-appell jibqgħu bla taxxa.